MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 592/2009

**Ronald Apap (ID 150470M)**

**vs**

**Silvana Psaila**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta’ Lulju 2009, fejn l-attur talab lit-Tribunal jornda sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta’ elf u tmien mitt euro (€1800.00) bhala danni sofferti mill-atturi u arretrati ta’ kera rigward il-fond mikri lill-konvenuta numru 3, Saint Philip Flats, Triq Juanitinus, San Pawl il-Bahar bi ksur tal-obbligi taghha naxxenti mill-iskrittura ta’ lokazjjoni datata 8 t’Awissu, 2007. Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess Avviz.

Ra illi l-konvenuta giet debitament notifikata izda naqqset milli tidher quddiem it-Tribunal u naqqset ukoll milli tippresenta risposta.

Sema x-xhieda ta’ Ronald Apap fis-seduta tad-9 ta’ Marzu 2010.

Ikkunsidra :

Illi bix-xhieda tal-attur u d-dokumenti minnu esebiti u kif ukoll bin-nuqqas ta’ kontestazzjoni da parti tal-intimata, it-Tribunal ma ghandux ghalfejn ma jsibx illi t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara illi ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, ukoll fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ elf u tmien mitt Euro (€1800) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------